MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 309/2009

**Middlesea Insurance plc (reg nru 5553)**
**kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta'**
**Mizzi Motors Ltd (Reg Nru 37267)**

**vs**

**Valletta Gateway Terminals Ltd (Reg Nru 38888) u**
**Cassar & Cooper ((S&I) Ltd (Reg Nru 424)**

**It-Tribunal,**

**Ra** li s-Socjeta' Attrici Assikuranti qed **titlob** li s-Socjetajiet Konvenuti (jew min minnhom) jigu kundannati jhallsuha s-somma ta' elf, seba' mija, tliet u erbghin Ewro sebgha u sittin centezmi (€1,743.67c) ekwivalenti ghal dik imhallsa lill-assigurata taghha Mizzi Motors Ltd. Dana ghal hsara lil tliet vetturi Daihatsu Sirion minnha mpurtati ma vetturi ohra permezz tal-vapur MV Neptune Dynamics li wasal Malta fis-16 ta' Gunju 2008. Dana oltre s-somma ta' €187.62 dwar *survey*. L-assikurata issurrogat lis-Socjeta' Attrici fid-drittijiet taghha. Bl-ispejjes u l-imghax mid-data tal-hlas.

**Ra** r-RISPOSTA ta' Valletta Gateway Terminals Ltd li, fil-konfront taghha t-talbiet ghandhom jigu michuda ghax id-danni ma sehhewx bi htija taghha li qdiet il-

funzjonijiet taghha bid-diligenza. Dwar mghax, qatt ma gew moghtija dettalji tal-"claim" minkejja li gew mitluba.

**Ra** li b'RISPOSTA ulterjuri (*a fol* 51) is-Socjeta' Valletta Gateway Terminals Ltd eccepiet il-**preskrizzjoni** ai termini tal-art 29(a) tal-Kap 352. Fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2010 gie verbalizzat (*a fol* 53) li l-partijiet jaqblu li din l-eccezzjoni tigi deciza mas-sentenza finali.

**Ra** r-RISPOSTA ta' Cassar & Cooper (S&I) Ltd li: (1) preliminarjament mhiex il-legittmu kontradittur ghax ma kienetx inkarigata mill-garr tal-merkanzija msemmija u (2)(i) ma jirrizultax li l-merkanzija giet nieqsa waqt li kienet taht ir-responsabilta' ta' Cassar & Cooper u (ii) fi kwalunkwe kaz ma kellha ebda htija ghal hsara jew nuqqas.

II PROVI

1. Jigi hawn rilevat li dawn huma biss siltiet mill-provi mressqa u dana wara li jitqies l-intier li hemm fil-process.

2. **Lucienne Cini**, *Senior Executive officer* mal-Claims Dept tal-Middlesea esibiet bhala Dok LC1 il-*bill of landing* dwar l-34 vettura Daihatsu mghobbija fuq il-vapur. Bhala Dok LC2 esibiet il-*gate pass out* tal-VGT fejn jirrizultaw in-nuqqasijiet lamentati. Bhala LC3 u 4 hemm zewg ittri lis-Socjetajiet Konvenuti, b'zamma ta' responsabilta' ghad-danni. Sar *survey* mill-GMSC Ltd – LC5. Huma hallsu lill-asiskurat €1,743.67 – LC6 u €186.62 *survey fee* – LC7.

3. Hawn ix-xhud ghaddiet biex tat spjegazzjonijiet li jidhru *a fol* 13/14. Huma jimxu fuq il-*gate pass out*. Hi l-prassi li jhallsu wara li jkollhom is-*survey report*. Ma tafx min kien responsabbli ghall-garr tal-vetturi mill-Gapan ghal Malta u anqas ghat-trasport mix-Xatt ghax-*showroom*. Il-*claim* saretilhom minn Mizzi Motors. Ma jitolbux t*ally sheets* ghax meta talbuhom qatt ma tawhomlhom. Dawn jintalbu lill-agent tal-vapur.

4. **David Mifsud**, Logistics Manager ma Mizzi Motors semma l-hsarat lamentati u esibixxa bhala Dok DM1 dak kollu rigwardanti l-procedura tal-*claim* u kkonferma dak li esibiet Lucienne Cini. Spjega li l-vetturi nvoluti kienu jghajjtu lil Muscat Motors u d-danni gew koperti minnhom. L-involviment tieghu jibda meta l-vetturi jaslu Malta u l-vetturi jigu spezzjonati minn rapprezentanti taghhom (din id-darba Charles Falzon) tal-VGT u tal-Insurance (Paul Ellul). Hawn wiehed ghandu jmur dritt fuq ix-xhieda (*a fol* 30/32 u *fol* 56/57) ghal aktar dettalji. Bhala Mizzi Motors jiehdu hsieb biss il-logistika.

5. **Paul Ellul** qal li Dok LC5 ghamlu hu u ghadda biex spjega l-kontenut inkluzi prezzijiet. Ra l-vetturi f'*Laboratory Wharf* (ara ghad-dettalji ix-xhieda *a fol* 48/50).

6. **Lennart Brincat** jahdem fil-Claims Dept tal-VGT u meta xehed ma xehet ebda dawl gdid fuq il-kaz. Kien **Emanuel Seguna**, Supervisor mal-VGT, li qal li hu jiehu

hsieb il-*claims* li jidhlu u spjega l-procedura fir-rigward u spjega x'gara fil-kaz taht ezami u hawn wiehed ghandu jdur fuq ix-xhieda *a fol* 84/86. *A fol* 18 hemm l-ittra li kienu rcevew minghand l-importatur. Irrifera b'mod partikulari ghat-*tally sheet* ghax din hi mportanti biex turi kif merkanzija tkun tnizzlet minn abbord u kif halliet ix-Xatt. Hawn irrifera ghad-Dok LB2 *a fol*66 datat 14.06.08.

7. **Doreen Curmi**, *Company administrator legal and claims* mal-VGT qalet I ntalbet tinnota d-differenzab bejn it-*tally sheet* u l-*gate pass out* u fir-rigward esibiet id-Dok DC (*a fol* 92). Dwar l-ewwel zewg *items*, dawn kienu ga hemm meta l-vetturi nizlu l-art. Dwar it-tielet *item*, billi l-ammont kien zghir, ghamlu offerta bla pregudizzju. Ir-raba *item* ma jidher f'ebda *sheet.*

8. **Sandro Miceli**, *Manager* ma Cassar & Cooper Shipping and Insurance Ltd, qal li r-responsailta' taghhom kienet id-*delivery order* lil Muscat Motors. Esibixxa bhala Dok SM1 il-*bill of landing* li nhareg f'Kobe li hu *plain* (ara *fol* 100). Zied esibixxa d-Dok SM2-6 li minnhom jirrizulta *transshipment* f'Piraeus fejn il-merkanzija marret fuq in-Neptune Line, b'agent f'Malta l-SMS u huma ma jafux x'gara bejn Piraeus u Malta. Hu rceva l-kont tat-tragitt m'ghand l-SMS – ara Dok SMS esibit *a fol* 104. Bejnhom u l-SMS m'hemm ebda relazzjoni.

9. In kontro-ezami qal li r-responsabilta' ta' Cassar & Cooper kienet sa ma l-merkanzija marret ghand *skipper* iehor f'Pireaus "u mbhaghad ergajt dhalt fir-responsabilta' meta waslet il-merkanzija hawn Malta. Jiena nifhem allura li jekk grat xi hsara minn Pireaus ghal Malta, Cassar & Cooper bhala agenti m'humhiex responsabbli".

10. **Paul Savona**, General Manager ta' SMS Lia qal li fl-14 ta' Gunju 2008 kien wasal Malta Neptune Dynamis bil-merkanzija in kwistjoni. Huma ma jkollhomx x'jaqsmu mat-*tally sheet.*

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL, wara li ezamina l-provi migjuba quddiemu u sama s-sottomissjonijiet tad-difensuri u gwidat minn principji ta' ekwita kif statutorjament hu dmiru li jaghmel, iqis kif gej:-

1. Meta s-sid tal-vetturi halla f'idejn u nkariga lil Cassar & Cooper ghat-trasport tal-vetturi, dan ghamlu fir-rigward tal-vjagg kollu. Jigifieri mill-punt tat-tluq originali sal-waslien tal-vetturi fix-Xatt f'Malta meta allura gew f'idejn u taht il-harsien tal-Valletta Gateway Terminals Ltd.

2. It-TRIBUNAL isib ta' min joqghod ghal kollox fuq ix-xhieda ta' Doreen Curmi ta' VGTT li wara li qabblet u ezaminat kollox indikat fid-Dok DC (*a fol* 92) nizzlet danni notati ta' zewg xorta li jammontaw ghal €30.28 u €1480.45 – mela €1,510.73c b'kollox u li gew notati fit-*tally sheet.* Ghal dawn it-TRIBUNAL iqis li jridu jaghmlu tajjeb Cassar & Cooper. Hemm ukoll zewg *claims* wahda ta' €116.47c

(li ghaliha VGT offrew €100 bla pregudizzju, stante c-cokon tal-*claim)* u ohra *right rear door repairs* meqjusa bhala *not noted*.

3. Hemm mitluba €187.62 ta' *survey* li Doreen Curmi ma qiesetx. Dawn spejjes ragjonevoli u ghandhom jithallsu ugwalment miz-zewg konvenuti.

4. Dwar dak li ma nnutatx Doreen Curmi, it-TRIBUNAL ma jqisx li dan hu dovut lis-Socjeta' Attrici u ghalhekk dak dovut miz-zewg socjetajiet konvenuti hu hekk:-

a) Valletta Gateway Terminals Ltd: €116.47c u €63.81 ie €210.20
b) Cassar & Cooper: €30.28c flimkien ma €1,480.45c u €93.81 ie €1,604.54c

5. Dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma, ma jirrizultax li din giet sostnuta minn min qajjimha.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** kif gej:-

(1) L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni skond art 29(a) tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta din hi **michuda** (2) l-eccezzjonijiet l-ohra taz-zewg konvenuti qed jigu **michuda** in kwantu inkompatibbli ma dak li ser jigi deciz dwar it-TALBA (3) **jaccetta** t-TALBA limitatament kif gej jigifieri billi **jikkundanna** lis-Socjeta' Konvenuta Cassar & Cooper (S&I) Ltd thallas lis-Socjeta' Attrici l-*quantum* ta' elf, sitt mija u erba Ewro erbgha u hamsin centezmi €1604.54c u **jikkundanna** lis-Socjeta' Konvenuta Valletta Gateway Terminals Ltd li thallas lis-Socjeta' Attrici l-*quantum* ta' mitejn u ghaxar Ewro u ghoxrin centezmu €210.20c u tichadha dwar il-bqija (4) **jikkundanna** liz-zewg Socjetajiet Konvenuti li jhallsu l-imghax, kull wahda fuq kull *quantum* rispettiv imsemmi mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (5) dwar spejjes tal-kawza **jiddeciedi** li kwint (20%) jithallsu minn Valletta Gateway Terminals u erba kwinti (80%) jithallsu minn Cassar & Cooper (S&I) Ltd.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------